32001R1921

29.9.2001 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 261/49

# IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1921/2001

## tat-28 ta' Settembru 2001

## li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2494/95 dwar *standards* minimi għar-reviżjonijiet ta' l-indiċi armonizzat tal-prezzijiet tal-konsumatur u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2602/2000

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (EC) Nru 2494/95 tat-23 ta' Ottubru 1995 dwar indiċi armonizzati tal-prezzijiet tal-konsumatur ([1]), u partikularment l-Artikli 4 u 5 ([2]) tiegħu,

Wara li kkunsidrat l-opinjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew ([3]),

Billi:

(1) Permezz ta' l-Artiklu 5(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 2494/95, kull Stat Membru għandu jipproduċi indiċi armonizzat tal-prezzijiet tal-konsumatur (HICP) li jibda bl-indiċi għal Jannar 1997.

(2) Huwa partikularment importanti li jkun assigurat livell għoli ta' kredibilità tal-HICP li tista' tkun imsaħħa bl-għan li, f'kuntest stabbilit, jillimita kemm jista' jkun in-numru tar-reviżjonijiet tal-HICP.

(3) Huwa ġeneralment aċċettat il-fatt li l-medja annwali, ir-rati annwali u ta' kull xagħar tal-bidla ta' l-HICP huma mportanti għall-kejl ta' l-inflazzjoni, partikularment sabiex tkun assessjata l-konverġenza tal-prezz u sabiex tkun mgħarrfa l-politika monetarja tal-Bank Ċentrali Ewropew.

(4) Tibdil fis-sistema tar-regoli nazzjonali jew armonizzati jikkostitwixxu raġunijiet validi għal reviżjonijiet tal-HICPs sal-punt li jassiguraw jew itejbu l-komparabilità, il-kredibilità, jew ir-rilevanza tal-HICPs; tibdiliet fis-sistema tar-regoli armonizzati ma għandhomx jirrikjedu reviżjonijiet sakemm ma jkunx iddikkjarat mod ieħor fil-kuntest tal-miżuri partikulari li jimplementaw.

(5) L-Artiklu 6 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2602/2000 tas-17 ta' Novembru 2000 li jistipula regoli dettaljati għall-implementazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2494/95 fejn jidħlu l-*istandards* minimi għat-trattament tar-riduzzjonijiet tal-prezzijiet fl-indiċi armonizzat tal-prezzijiet tal-konsumatur ([4]) għandu bżonn jiġi emendat.

(6) Ir-reviżjonijiet li saru minħabba xi żbalji, jew minħabba f'informazzjoni ġdida jew bażika mtejba huma raġunijiet validi għar-reviżjonijiet ta' l-HICPs minħabba li jtejbu l-komparabilità, il-kredibilità, jew ir-rilevanza ta' l-HICPs.

(7) Hemm possibiltà konsiderevoli ta' differenzi proċedurali bejn l-Istati Membri fir-reviżjoni tas-serje ta' l-indiċi. Huwa neċessarju sett ta' regoli armonizzati sabiex jassigura li l-HICPs li jirriżultaw ikunu jaqblu mal-kondizzjonijiet meħtieġa tal-komparabilità ta' l-Artiklu 4 tar-Regolament (KE) Nru 2494/95 kif ukoll il-kredibilità u r-rilevanza tagħhom.

(8) Il-miżuri msemmija f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat tal-Programm ta' l-Istatistika stabbilit mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/382/KEE, Euratom ([5]),

ADDOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Għan**

L-għan ta' dan ir-Regolament huwa li jipprovdi informazzjoni dwar effetti sinifikanti ta' miżuri ta' implimentazzjoni taħt ir-Regolament (KE) Nru 2494/95 u sabiex jistabbilixxi regoli armonizzati li jikkonċernaw reviżjonijiet fl-HICP li huma konsistenti ma' dawk il-miżuri, u biżżejjed sabiex jassiguraw il-komparabilità, il-kredibilità, u r-rilevanza tagħhom.

*Artikolu 2*

**Definizzjonijiet**

Għall-għan ta' dan ir-Regolament id-definizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw:

(a) "reviżjoni" hija bidla *ex-post* f'serje ta' HICP, livell ta' l-indiċi, rata ta' tibdil jew użin, li saret pubblikament disponibbli permezz tal-mezzi tal-komunikazzjoni ta' l-istampa u l-elettronika mill-Kummissjoni (Eurostat) li taffettwa r-riżultati għal post deċimali;

(b) "żball" huwa ksur mhux intenzjonat ta' regola stabbilita li taffettwa mill-inqas serje ta' l-HICP;

(ċ) riżultat "provvisorju" huwa riżultat, li huwa suġġett għal reviżjoni, mistenni li jkun finalizzat f'xi xahar aktar "il quddiem."

*Artikolu 3*

**Il-possibiltà ta' reviżjoni**

1. Is-serje ta' l-HICP uffiċjalment ippubblikata tista' tkun reveduta.

---

([1]) ĠU L 257, tas-27.10.1995, p. 1.
([2]) ĠU L 192, tas-24.7.1999, p. 9.
([3]) ĠU C 244, ta' l-1.9.2001, p. 5.
([4]) ĠU L 300, tad-29.11.2000, p. 16.
([5]) ĠU L 181, tat-28.6.1989, p. 47.

2. Reviżjonijiet lil kull serje ta' HICP, minbarra r-raġunijiet ta' l-Artikli 4, 5 jew 9 ta' dan ir-Regolament, għandu jkun suġġett għal approvazzjoni preċedenti mill-Kummissjoni (Eurostat). L-estensjoni tagħhom u ż-żmien għandhom ikunu koordinati mal-Kummissjoni (Eurostat).

*Artikolu 4*

**Żbalji**

1. L-iżbalji għandhom ikunu kkoreġuti u r-reviżjonijiet tar-riżultat għandhom ikunu mplementati mingħajr dewmien mhux neċessarju.

2. L-Istati Membri kkonċernati għandhom, bl-inizjattiva tagħhom, jipprovdu lill-Kummissjoni (Eurostat) b'informazzjoni tal-livell ta' dettall neċessarju sabiex ikun assessjat l-impatt fuq is-serje ta' l-HICP ikkonċernata qabel il-ħruġ tar-reviżjonijiet bażati fuq l-iżbalji. L-Istati Membri għandhom ukoll jinnotifikaw il-Kummissjoni (Eurostat) bl-azzjoni meħuda sabiex jimpedixxi okkorrenzi simili għall-futur.

*Artikolu 5*

**Informazzjoni ġdida jew imtejba.**

Ir-reviżjonijiet li jirriżultaw minn informazzjoni bażika ġdida jew imtejba li huma meqjusa mill-Istati Membri neċessarji sabiex itejbu l-eżattezza ta' l-HICP għandha tkun mplimentata sakemm il-Kummissjoni (Eurostat) ma topponix iż-żmien tar-reviżjonijiet li għandhom ikunu magħmula.

*Artikolu 6*

**Tibdil fis-sistema tar-regoli armonizzati.**

Sakemm mhux iddikkjarat mod ieħor:

1. tibdil fis-sistema tar-regoli armonizzati ma għandhomx jirrikjedu reviżjonijiet;

2. tibdil fid-definizzjonijiet, metodi, jew prattiċi li jirriżultaw mill-kwadru tal-qafas regolatorju ta' l-HICP għandu jkollhom l-effett mistenni bl-indiċi għal Jannar kull sena fl-Istati Membri kollha kkonċernati;

3. l-impatt ta' kull tibdiliet simili għandu jiġi assessjat għat-12 il-xahar li jibdew bl-indiċi għal Jannar li fih it-tibdiliet jkollhom l-effett mistenni;

4. jekk it-tibdiliet huma probabbli li jaffettwaw ir-rata medja annwali ta' tibdil ta' l-indiċi tal-perjodu ta' 12-il xahar wara t-tibdil ta' mill-inqas wieħed minn għaxra ta' punt perċentwali imbagħad l-impatt fuq l-indiċi ta' l-oġġetti kollha għandha tkun stmata għal kull 12 il-xahar;

5. fejn b'kollox kull COICOP/HICP diviżjoni, mill-inqas tlieta, erbgħa jew ħamsa minn għaxra ta' punt perċentwali kkalkulat bħal fl-Artiklu 6(4), l-impatt tas-serje ta' l-indiċi kkonċernata għandha tiġi estimata għal kull 12-il xahar.

*Artikolu 7*

**Stima ta' l-impatt**

1. L-estimi msejħa fl-Artikli 6(4) u (5) ta' dan ir-Regolament għandhom jużaw l-aħjar metodoloġija disponibbli b'mod li jagħti profitt. Għandhom ikunu trasmessi lill-Kummissjoni (Eurostat) fl-aħħar nett ma' l-HICPs li magħhom jirrelataw. Għandha tkun inkluża deskrizzjoni tal-metodu ta' l-estimi u kummenti xierqa dwar ir-reqqa tagħhom.

2. L-estimi għandhom jikkomparaw ir-rati annwali ta' bidla ta' l-HICP, u l-indiċi sekondarji kkonċernati, ma' indiċi li ma jikkunsidrawx il-bidliet fid-definizzjonijiet, metodi, jew prattiċi.

3. L-estimi msemmija fl-Artikli 6(4) u (5) għandhom ikunu pubblikament disponibbli, b'noti xierqa dwar il-kwalita tagħhom. Dawn l-estimi ma għandhomx jieħdu post l-HICP uffiċjali.

*Artikolu 8*

**Ħruġ tar-reviżjonijiet**

1. Fis-serje ta' l-HICP uffiċjali maħruġa mill-Kummissjoni (Eurostat), ir-reviżjonijiet għandhom jiġu markati. Marka tar-reviżjoni għandha tiġi assenjata lil dawk primarji jew serje derivata li r-riżultat tagħhom, wara r-reviżjoni, nbidlet għall-livell ta' dettall maħruġ. Marki tar-reviżjoni għandhom ikunu murija fl-okkażjoni tal-ħruġ tas-serje reveduta u mneħħija ix-xahar li jmiss.

2. Ir-reviżjonijiet ta' oġġetti kollha ta' l-HICP, minbarra r-riżultati provvisorji, għandhom ikunu pubblikament annunċati bi spjazzjoni, b'koordinazzjoni qarrieba bejn l-Istati Membri kkonċernati u l-Kummissjoni (Eurostat).

*Artikolu 9*

**Riżultati proviżorji**

Meta l-indiċi jkun ippubblikat bħala provviżorju, għandu jkun finalizzat fil-pubblikazzjoni tax-xahar segwenti.

*Artikolu 10*

**Kontroll tal-kwalità**

Fl-event ta' reviżjoni, minbarra għar-raġunijiet ta' l-Artikli 4 jew 9, l-Istati Membri kkonċernati jipprovdu lill-Kummissjoni (Eurostat), għat-talba tagħha, b'informazzjoni għall-livell ta' dettall neċessarju sabiex ikun assessjat l-impatt fuq is-serje ta' l-HICP ikkonċernata u turi li r-reviżjonijiet huma konsistenti ma' l-istandards ta' l-HICP.

*Artikolu 11*

**Emendi**

L-Artiklu 6 tar-Regolament (KE) Nru 2602/2000 dwar l-*istandards* minimi għat-trattament tar-riduzzjonijiet tal-prezzijiet fl-HICP li minn floku ħadlu postu t-test li jmiss:

"Fejn l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament taffettwa r-rata annwali tal-kambju (m/(m-12)) ta' l-indiċi ta' l-oġġetti kollha b'iktar minn wieħed minn għaxar punt perċentwali kkomparata ma' indiċi li ma tikkunsidrax ir-riduzzjonijiet tal-prezzijiet, is-serje ta' indiċi kkonċernata għandha tkun reveduta bir-reqqa."

*Artikolu 12*

**Implimentazzjoni**

Dan ir-Regolament għandu jiġi implimentat mill-Istati Membri f'Diċembru 2001 u għandu jibda b' effett ma' l-indiċi għal Jannar 2002.

*Artikolu 13*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20-il ġurnata wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunità Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-28 ta' Settembru 2001.

*Għall-Kummissjoni*

Pedro SOLBES MIRA

*Membru tal-Kummissjoni*